MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2007

Appell Kriminali Numru. 258/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jurgen Bugeja**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jurgen Bugeja talli (1) fl-20 ta’ Awissu 2004 ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq *Warden* Roger Attard, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghnel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz; (2) ikkaguna offizi ta’ natura hafifa fuq l-imsemmi Attard; (3) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq in-nuccali ta’ l-istess Attard; (4) ghamel hsara fuq il-vettura CBK-109 a detriment ta’ Stirling Car Hire Limited liema

hsara teccedi l-hamsin lira izda mhux il-hames mitt lira; (5) kiser il-bon ordni b'ghajjat jew glied jew b'mod iehor, u (6) qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' Gunju 2007 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Jurgen Bugeja hati skond l-akkuzi migjuba kontra tieghu, bl-assorbiment tat-tieni akkuza, u kkundannatu sitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn; inoltre b'applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali ordnat lill-istess Bugeja jhallas is-somma ta' Lm59.20c lil Roger Attard, u Lm239.17c lil Sterling Car Rentals Limited fi zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Jurgen Bugeja, minnu ppresentat fl-4 ta' Lulju 2007, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew, alternattivament u minghajr pregudizzju, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2007; ikkunsidrat:

Essenzjalment l-aggravju ta' l-appellant – relattivament ghall-htija – huwa wiehed, u cioe` li ma giex pruvat sufficjentement li kien hu l-persuna li aggredixxa lill-*Local Warden* Roger Attard. Huwa jillanja in partikolari li ghalkemm kien hemm persuni ohra fil-pjazza li suppost li raw l-incident *de quo*, dawn baqghu ma gewx prodotti. Apparti minn hekk jirrileva li b'ittra bl-avukat tal-31 ta' Awissu 2004 mibghuta a nom ta' Roger Attard, Sterling Security Limited u Sterling Car Rentals Limited kien missier l-appellant li gie interpellat ihallas l-ammont ta' danni eventwalment riflessi fis-sentenza. Dwar il-piena, fir-rikors ta' appell ma ngiebet ebda raguni partikolari ghala din kellha tinbidel.

Dan l-appell jirrazenta l-fieragh. Roger Attard identifika minghajr l-icken ezitazzjoni lill-appellant, allura imputat, bhala l-persuna li aggredietu kif ukoll ghamlet hsara fin-nuccali tieghu u fil-vettura proprjeta` ta' Sterling Car Rentals Limited. Il-fatt li seta kien hemm persuni ohra li raw l-incident u li ma ttellghux jixhdu mill-prosekuzzjoni

huwa rrelevanti – se mai, jekk dawn setghux jiskolpaw lill-appellant seta' pproducihom hu in difesa. Il-fatt jibqa' li a bazi tad-deposizzjoni ta' l-imsemi Attard kif ukoll a bazi tad-dokumenti ezibiti dwar il-hsarat kkagunati din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, m'ghandhiex l-icken dubbju li kien l-appellant il-persuna responsabbli ghall-incident. L-unika haga li ma tirrizultax hija l-imputazzjoni dwar il-kliem hazin jew dagha – is-sitt imputazzjoni – u dan peress li r-referenzi ghal din ic-cirkostanza ossia ghal dawn il-kliem jinsabu biss fid-deposizzjonijiet ta' min qal x'irraporta Attard, *ergo* xiehda fuq kliem haddiehor (*hearsay*). Attard, mistoqsi dwar dan il-kliem, semplicement qal li ma jiftakarx.

Kwantu ghall-ittra bl-avukat u l-fatt li din kienet indirizzata lil missier l-appellant u mhux lill-appellant innfisu, huwa evidenti li peress li l-vettura li fir-rigward taghha Attard mar biex jaghmel ic-citazzjoni ftit qabel ma gie aggredit kienet issejjah lil missier l-appellant (kif del resto jammetti l-istess appellant fl-istqarrija tieghu lill-pulizija), din l-ittra bl-avukat bi zvista harget fil-konfront tal-missier u mhux ta' ibnu. Dan, pero`, ma jnaqqas xejn mill-identifikazzjoni pozittiva ta' l-appellant da parti ta' Attard.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokha biss f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond is-sitt imputazzjoni (cioe` li qal kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku), mill-liema imputazzjoni din il-Qorti qed tillibera lill-appellant, izda tikkonferma l-istess sentenza fil-bqija. It-terminu ta' sitt xhur ghall-fini tad-direttiva dwar kumpens skond l-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali jibda jiddekorri mill-lum, bhalma jibda jiddekorri wkoll mill-lum il-periodu operattiv ta' sentejn tas-sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------